MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 170/2009

**Go P.l.c. (C - 22334)**

**Vs**

**Josephine Frendo (I.D. 709852 M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn u wiehed u disghin Euro u tlettax-il centezmu (€291.13) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go p.l.c. in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21314062 skont kif jirrizulta mid-dokumenti mmarkati 'A' u 'B' annessi mat-talba.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta tat ruhha b'notifikata bl-atti quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-2 ta' Gunju, 2009 izda baqghet ma pprezentatx risposta.

Sema' lill-konvenuta tixhed illi l-ammont huwa dovut minnha u lesta thallsu, izda esprimiet ix-xewqa li thallas il-kont ratejalment.

B'ammissjoni tal-konvenuta, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skont il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------